KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 49

Id-disa u għoxrin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 14 ta' Diċembru 2015 fis-6.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
6. *Aġġornament*

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 48_26/11/2015.

1.2 Intalbet li ssir korrezzjoni li dakinhar tas-seduta l-Kunsillier P. Portelli ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-8.30pm u ma tnizzlitx. Kien hemm qbil li tizdied. *Korrezzjonijiet tal-minuti*

1.3 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 2.22 u talab li tizdied il frazi 'Il-Kunsillier P. Radmilli osserva li tlieta minn ħames rebbieħa m'għadhomx magħna.'

1.4 Dwar punt 2.23 kien hemm qbil li tizdied il-frazi 'Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw tagħmel verifikiazzjonijiet kif maqbul.'

1.5 Dwar punt 2.18 għandha tizdied li z-*zebra crossing* hija ta' fejn l-Ambaxxata Germaniza fi Triq it-Torri.

1.6 Dwar il-bankina ta' fejn Cafe Roma biex jinħoloq passaġġ aktar sigur, is-Sindku wieġeb li din ġiet approvata mit-TM izda l-Kunsill reġa talab għal xi modifikazzjonijiet oħra.

1.7 Dwar punt 2.30 kien hemm qbil li tizdied il-frazi 'Kien hemm qbil dwar dan.'

1.8 Dwar punt 2.31 il-frazi għandha tiġi koretta kif ġej 'Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-*Environmental Planning Statement* dwar l-impatt tat-traffiku f'Townsquare u qal li jekk fil-verzjoni l-ġdida tal-EPS m'hemmx mizuri għall-immaniġjar tat-traffiku aħjar, il-Kunsill izomm l-istess pozizzjoni.

1.9 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Is-Sindku informa li l-laqgħa dwar l-ECO wardens għada ma saritx. Il-Kunsillier P. Radmilli spjega li l-presentazzjoni li saret mir-Regjun dwar ir-riforma l-ġdida kienet interessanti pero sfortunatament dwar l-ECO Wardens hemm tnejn biss għal Malta kollha. Is-Sindku qal li ġie diskuss ukoll il-fatt li f'ċertu ċirkustanzi l-anqas gwardjani lokali għal mal-krejnijiet ma jkun hemm u Riforma – Gwardjani lokali